l-Edukazzjoni u oħra fil-"Ladies Club". Wara li telaq mill-Gżira, Dessoulavy baqa' dejjem marbut magħna, jiftakar fil-Malti u fina. Dessoulavy baqa' dejjem marbut magħna, jiftakar fil-Malti u fina.

Barra minn xi artikolu ċkejken li wara deher f'"Il-Malti" mill-pinna tiegħu, bħal dak fuq in-nisel tal-kelma *Marsamxett*, artikoli oħra tiegħu interessanti fuq il-letteratura u filoloġija semitika u fuq il-Malti dehru fil-"Journal of the Royal University of Malta". Wieħed mix-xogħlijiet kbar li ħalla warajh, bħala studju filoloġiku, huwa d-Dizzjunarju etimoloġiku tiegħu tal-Malti: "Maltese Arabic Word-List" (1938), fejn għal dak li hu kliem Malti, mexa fuq id-dizzjunarju ta' Falzon. Dan ix-xogħol huwa siltu minn xogħol ieħor filoloġiku wisq akbar li kien ilu jaħdem fuqu "A comparative Lexicon of the Semitic Tongues", li xi sena ilu ħarġu taħt l-isem ta' "Gate of the East and Garden of Semitic Semitic Roots."

Dessoulavy kien il-bniedem li fejn jidħol il-Malti kien jagħti ż-żmien u l-ħidma tiegħu kollha. Ma kontx titolbu favur biex ifittixlek f'libreriji, arkivi, xi manuskritt jew xi informazzjoni dwar storja, kitba jew xi dokument fuq il-Malti jew xi tagħrif dwar in-nisel semitiku ta' kelma jew dwar xi awtur, li ma jimiddx għonqu biex jaqdik minnufih. Dan rajnieh f'bosta xogħlijiet li bis saħħa tat-tħabrik tiegħu setgħu jidhru bl-irqaqat kollha ta' informazzjonijiet dokumentati. Dawk il-Maltin kollha tal-"Għaqda" u li mhumiex, fosthom studenti Maltin, li nzertaw f'Londra sabu fih l-aqwa ħabib li laqagħhom, mexxiehom, għenhom u iffrankalhom ħafna taħbit u spejjeż biex raw l-irkejjen ta' dik il-belt hekk kbira u sabiex ukoll jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Il-"Għaqda", nerġgħu ngħidu, bil-mewt tiegħu tilfet ġawhra u l-Maltin wieħed mill-egħżeż ħbieb ta' barra.

Nagħalqu din id-daqsxejn ta' bijografija billi nagħtu fuq fuq xi tagħrif dwar il-karriera tiegħu. Ir-Reverendu Dessoulavy miet fl-24 ta' Awissu li għadda; twieled f'Neuchatel (Svizzera), fl-1875 u tgħallem f'Wornersh u fl-"Institut Catholique de Paris." Ordna qassis fl-1899. Kien Profes-sur tal-Filosofija f'Wornersh mill-1899 sa l-1904 u Kurat fi Greenwich mill-1904 sa l-1907. Kien ukoll Kappillan tal-Kulleġġ ta' San Franġisk Saverju u Kappillan tas-Sorijiet tal-Fqar f'Kensington (Southwark, Lam-beth), distrett ta' Londra, mill-1922 sakemm miet. Nitolbu għalih.

---

## IS-SAHHAR

*Ta'* C. MICALLEF DE CARO

Jien saħħâr sirt imħabba fik.
O Għaks, tifħir nagħtik;
Kulħadd nagħraf imalli nara,
Iżda lili ħadd ma jara!

## IX-XHIH

*Ta'* C. MICALLEF DE CARO

Is-senduq tal-misħut xħiħ
Tista' xxebbhu ma' l-infern,
Għax il-flus li jidħlu fih
Hemm għal dejjemf jibqgħu żgur.



# INKWIET FIL-FAMILJA

*(Dramm Soċjali fi 3 Atti)*

*Ta'* ĠUŻE' GALEA

*(Jorbot mal-Għadd ta' Settembru, 1944)*

## IT-TIENI ATT

*Sala fi Club; min-naħa ta' wara tidher il-kamra tal-bar b'ħafna ħbieb jixorbu u jitkellmu fl-imkien; fuq iż-żewġt iġnub bibien li jagħtu għal swali oħra fil-Club. Fuq il-palk ħafna pul-truni, siġġijiet, imwejjed żgħar u għamara oħra li tgħodd għal Sala ta' Club.*

*Il-Ġeneral jidher bil-qiegħda fuq pultruna jaqra gazzetta.*

**Ġeneral:**

Waiter! Waiter!

**Waiter:**

*(jidħol bil-ħeffa u jieqaf iebes)*. Hawn, sur Ġeneral.

**Ġeneral:**

Is-Sur Tumas rajtu hawn il-lejla?

**Waiter:**

Għadu ma ġiex, sinjur.

**Ġeneral:**

Kollox sewwa.

**Waiter:**

Naqdik f'xi ħaġa oħra, sinjur?

**Ġeneral:**

Xejn għal issa.

*(Il-waiter iniżżel rasu bil-qima u jwarrab.)*

*(KURUNELL jidħol mill-bieb tal-ġenb, iħares ftit ma' dwaru u meta jilmaħ lill-Ġeneral imur ipoġġi ħdejh)*

**Kurunell:**

Sur Ġeneral, kif int?

**Ġeneral:**

*(jerfa' rasu minn fuq il-gazzetta.)* Ara l-Kurunell. Intix taj-jeb? Oqgħod ħdejja ħalli ngħidu kelmtejn.

**Kurunell:**

*(iressaq il-pultruna aktar ma' ġenb il-Ġeneral.)* X'aħbarijiet għandna l-lejla? X'ġiebet il-gazzetta?

**Ġeneral:**

Xejn mill-ġdid; kollox tas-soltu: bumbardament mill-ajru, avanz bit-tankijiet, ħbit bis-sottomarini. Il-lum is-suldat qajla jissemma.